# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 957

KAZ NRU. 1227

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Pace

u

MIB Holding

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

It-Tribunal wara li ezamina n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kumpanija jirrileva illi l-onus dwar it-tkeccija ghall-kawza gusta taqa' fuq il-kumpanija MIB Holding Co Ltd.

Fl-istatement of case tal-MIB Holding Co Ltd gie allegat li t-tkeccija tal-appellant saret wara li "rcieva tlett warnings bil-miktub u baqa' jippersisti f'attitudni ta' insubbordinazzjoni."

Anthony Pace qed isostni illi l-proceduri tal-Ftehim kollettiv li japplikaw ghar-relazzjoni ta' impjieg bejnu u bejn l-MIB Holding CO Ltd ma gewx applikati.

It-Tribunal ihoss illi ghandu d-dritt anzi l-obbligu li jezamina l-Ftehim Kollettiv sabiex jara jekk il-proceduri imsemmija hemmhekk japplikawx ghal dan il-kaz u jekk japplikaw jekk gewx onorati, u dan anke' jekk jidher sussegwentement ghat-Tribunal illi t-Tribunal jista' jiddeciedi illi l-ftehim

kollettiv kien jew ma kienx japplika, jew anke jekk kien japplika u ma giex applikat, illi t-tkeccija xorta wahda kienet valida skond il-ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal ser jibqa' jezamina l-kaz kif hawn fuq imsemmi.

Vera Kopja

**ft/Alphonse Caruana**
**Chairman**

-----------
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

**Illum: 20 ta' Lulju,1998**